MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tas-6 ta' Settembru, 2006

Appell Civili - Ghawdex Numru. 96/1997/1

**Peter Paul u Mary konjugi Debono**

**vs**

**Mario Gatt, Joseph Cauchi**

**Il-Qorti,**

Fis-6 ta' Marzu, 2003, il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Inferjuri ppronunzjat is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

"Il-Qorti,

Rat l-Avviz li permezz tieghu l-atturi talbu lill-konvenuti jghidu ghaliex m'ghandhomx ikunu kkundannati jhallsuhom is-somma ta' hames mija u sittin lira Maltin u sittin centezmu (Lm56.60c) liema ammont huwa dovut minnhom lill-atturi ghal xoghol bil-bobcat u l-escavator kif ukoll gar ta' terrapien li sar fuq inkarigu taghhom .

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra interpellatorja tat-tlieta u ghoxrin (23) ta’ Lulju, 1997 u dawk tal-ittra ufficjali tat-tlettax (13) t’Awissu 1997 . Bl-imghaxijiet sad-data tal-hlas relattiv .

Bl-ingunzjoni tal-konvenuti ghas-subizzjoni .

Rat in-nota ta’ l-eccezzonijiet tal-konvenut Jospeh Cauchi li eccepixxa illi:

1. It-talbiet attrici fil-konfront tal-esponenti huma totalment infondati fid-dritt u fil-fatt stante illi huwa ma kien b’ebda mod u manjiera involut fix-xoghol ta’ bobcat u excavator u garr ta’ terrapien meritu ta’ din il-kawza . Jekk xejn, dan ix-xoghol sar bi ftehim bejn l-attur u l-konvenut l-iehor, u l-esponenti huwa totalment estraneju ghal kwistjoni .

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt .

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut l-iehor Mario Gatt li eccepixxa:

1. Illi l-konvenut m’ghandu ebda relazzjoni guridika mal-atturi u ghaldaqstant l-pretensjonijiet vantati minnhom ma jezistux la fil-fatt u lanqas fid-dritt u ghandhom jigu michuda fil-konfront tal-istess konvenut;

2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost l-konvenut Mario Gatt mhuwiex l-legittimu kontradittur fl-imsemmija kawza .

3. Salvi eccezzjonijiet ohra .

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza, inkluzi l-verbali tax-xhieda mismugha u d-dokumenti esebiti .

Ikkunsidrat :

Illi permezz ta’ din il-kawza l-atturi qeghdin jitolbu minghand il-konvenuti l-hlas ghal xoghol ta’ tqattiegh u skavar ta’ pedamenti u garr ta’ terrapien imwettaq mill-

attur Perer Paul Debono lill-konvenuti fuq sit proprjeta' ta' terzi . Il-konvenuti ghalkemm jammettu illi Debono tassew ghamel xoghol fuq is-sit in kwistjoni u li tieghu ghadu ma thallasx, jitfghu fuq xulxin l-obbligu ghall-hlas ta' dan ix-xoghol .

F'din il-kawza xehdu t-tliet partijiet nvoluti . L-attur beda biex qal illi ghall-bidu kien qabbdu l-konvenut Cauchi "ghall-pedamenti, u mill-pedamenti mbaghad wasalt biex naghmel ix-xoghol li kien fadal" (ara xhieda a fol.10 tal-process) . Mistoqsi Mario Gatt qabbdux jaghmel xi xoghol, l-attur wiegeb: "Iva, Mario Gatt cempel kemm-il darba, u ghidtlu biex ikompli Joe Cauchi, imma dejjem bqajt inkompli jien" (a fol. 11) .

Cauchi spjega kif kien imqabbad minn Mario Gatt sabiex jaghmillu x-xoghol ta' skavazzjoni fuq is-sit in kwistjoni . Ghall-ewwel kien hemm huh Salvu jaghmel dan ix-xoghol, imma dan inserta wegga' siequ u allura ma setghax ikompli . Billi Gatt beda jrossu biex ikompli bix-xoghol, inkariga lil Debono ghal gurnata "u mbaghad huma raw li qed jahdem hemmhekk hu u bdew iqabbduh huma" (a fol. 40) . Meta Debono cempillu biex jinfurmah li Gatt riedu jkompli jahdem fuq is-sit, Cauchi wissieh li ma kellux x'jaqsam mieghu izjed u ghalhek kellu jirranga ma' ta' Gatt .

Fid-deposizzjoni tieghu Cauchi esebixxa kopja ta' *invoice* ghal mija hamsa u sittin lira u sittin centezmu (Lm165.60) mibghuta lilu minn Debono fit-28 ta' Dicembru 1996 rigward ix-xoghol li dan kien ghamel fuq inkarigu tieghu fuq is-sit in kwistjoni (Dok. JCX a fol. 62) . Cauchi mbaghad inkluda dan il-kont fl-*invoice* ghal elf tliet mija hamsa u ghoxrin lira maltija u seba' u disghin centezmu (Lm1325.97) li baghat lil Mario Gatt rigward ix-xoghol maghmul minnu fuq is-sit ta' Vigo Azzopardi (Dol. JC. 1 a fol. 53) .

Mario Gatt sostna illi huwa kien inkariga lil Joseph Cauchi sabiex jaghmillu xoghol ta' *excavation* fil-pedamenti u tahmil bil-*bobcat* fuq sit proprejta' ta' certu Vigo Azzopardi fir-Rabat . Spjega li Cauchi kien jibghat lin-nies tieghu

jahdmu hemmhekk u li lil Debono kien jarah jaghmel xoghol ta' pedamenti . Fil-fehma tieghu Cauchi ghadda bicca mix-xoghol lil Debono . Infatti il-konvenut Gatt ipprezenta kopja ta' invoice (Dok. M.G. 1 a fol. 37, identiku ghad-Dok. JC. 1) mibghuta lilu minn Cauchi, fejn jidher illi kien gie inkluz ix-xoghol ta' Debono, tant illi fid-*description* tax-xoghol jinghad :

"Joe Cauchi Developments Limited and Peter Paul Debono, work done by the above-mentioned at Victoria property of Vigo Azzopardi instructed by Mario Gatt on behalf of Gatt Bros .

Work consists of escavating pediments, areas of garden, delivered stones and concrete and carting away all unnecessary material."

Ghal Gatt ghalhekk, gialadarba l-kont ta' Debono kien gie nkluz fl-*invoice* li huwa rcieva minghand Cauchi, huwa ma kellu jaghti xejn lil Debono .

Imma fil-fehma taghha s-soluzjoni ghal din il-kwistjoni tinsab fil-kont li l-istess Debono kien baghat lil Joseph Cauchi ghax-xoghol li dan kien inkarigah jaghmillu meta kien wegga' huh u ma setghax ikompli . F'dan il-kont (Dok. JCX gia msemmi) Debono ma talabx minghand Cauchi hlas ghax-xoghol kollu minnu mwettaq fuq is-sit in kwistjoni, f'liema kaz kien jitlob l-ammont kollu indikat f'dan l-Avviz, imma biss ghal dak li kien fil-fatt qabbdu jaghmel Cauchi stess . Dan il-kont ghalhekk jikkorobora l-verzjonijiet sew ta' Debono stess u anke ta' Cauchi, li t-tnejn sostnew illi ghalkemm ghall-bidu kien introducieh fuq ix-xoghol Cauchi, Debono mbaghad kompla fuq inkarigu ta' Gatt direttament . Jirrizulta ghalhekk illi ghall-bilanc mis-somma mitluba huwa responsabbli l-istess Mario Gatt wahdu .

Ghal dawn il-motivi tiddecidi l-kawza billi, filwaqt illi tilqa' t-talba attrici, tikkundanna lill-konvenut Joseph Cauchi sabiex ihallas lill-atturi is-somma ta' mija hamsa u sittin lira maltija u sittin centemzu (Lm165.60), u lill-konvenut l-iehor Mario Gatt il-bilanc mill-ammont mitlub u cioe' s-

somma ta' tliet mija hamsa u disghin lira maltija (Lm395); bl-imghaxijiet relattivi mid-data tal-prezentata ta' dan l-Avviz sad-data tal-pagament effettiv .

L-ispejjez tal-kawza ghandhom jigu ssopportati kwantu ghal terz mill-konvenut Cauchi u zewg terzi mill-konvenut Gatt."

Minn din is-sentenza appella l-konvenut Mario Gatt. L-aggravju minnu sottomess fil-kontestazzjoni taghha huwa replika ta' l-eccezzjonijiet tieghu u, cjoe, li ma ghandu ebda relazzjoni guridika ma' l-attur u, allura, ma kienx il-legittimu kontradittur. Jiccensura ghalhekk lill-ewwel Qorti li din ma hadetx konjizzjoni tal-provi kollha in atti u konsegwentement il-konkluzjoni taghha kienet zbaljata;

Mill-punto di vista guridiku l-eccezzjonijiet tal-konvenut appellant, u allura wkoll l-aggravji tieghu, jirpozaw fuq zewg konsiderazzjonijiet: (i) il-wahda, li hu qatt ma nkariga lill-attur ghal xi xoghlijiet u (ii) f' kull kaz, huwa ma kkontrattax f' ismu personalment izda, se mai, f' isem is-socjeta` Gatt (Bros.) Ready Mix Ltd. Haga naturali jekk dak sostnut mill-appellant jikkorrispondix ghal veru, jew le, jiddependi mill-apprezzament tar-rizultanzi probatorji;

Mill-premessa kontestazzjoni tas-sentenza appellata, l-appellanti jikkontendi li hu ma hax parti fir-rapport negozjali dedott mill-attur fil-gudizzju u dan igib, fil-fehma tieghu, illi ma kellux jigi mharrek bhala litiskonsorju passiv biex iwiegeb ghad-domanda ghall-hlas tas-somma pretiza mill-attur. L-assunt tieghu li ma huwiex debitur ta' l-obbligazzjoni huwa bazat fuq l-affermazzjoni li hu, la personalment u lanqas xort' ohra, qatt ma ta lill-attur xi inkariku jew struzzjonijiet biex jezegwixxi certi xoghlijiet. F' dan il-kuntest huwa jindika lil konvenut l-iehor Joseph Cauchi li, skond hu, kellu se mai jipprovvedi ghall-hlas ghax hu innifsu ma setax jitqies, direttament u personalment, hekk responsabbli. Huwa principalment

minhabba f' hekk li jillanja li l-ewwel Qorti ma ghamletx gudizzju bir-reqqa tal-fatti;

Minn ezami tal-motivazzjoni tas-sentenza appellata huwa ferm evidenti illi l-ewwel Qorti hassitha sodisfatta illi, min mod u min iehor, iz-zewg konvenuti kienu immiskjati f' rapport ta' vinkolu kontrattwali ma' l-attur appellat. Hi fil-fatt dehrilha li l-versjoni ta' l-attur li hu tqabbad ghal certu xoghol (fuq il-pedamenti) minn Joseph Cauchi u ghall-kumplament mill-appellant kienet wahda kredibbli. Minn dan ir-ragonament ikkonsegwa, dejjem fil-hsieb ta' l-ewwel Qorti, illi s-soluzzjoni tal-kwestjoni kienet tiddependi minn dawn ir-rabtiet, hekk konsiderati kawza efficjenti ghall-produzzjoni ta' l-effett guridiku determinat li jikkomuna liz-zewg konvenuti ma' l-attur, kreditur taghhom;

Kif saput, hu principju assodat illi din il-Qorti ta' revizjoni ma kellhiex, u m' ghandhiex, tiddisturba l-apprezzament tal-provi li tkun ghamlet l-ewwel Qorti jekk mhux ghal ragunijiet gravi li jwassluha ghall-konvinciment illi dik il-Qorti ma setghetx ma kienetx zbaljata fl-apprezzament taghha. ("**Joseph Walker *nomine* -vs- Raymond Pizzuto**", Appell, 6 ta' Ottubru 1999). Ir-ragonament konkordi wara dan il-principju hu dak li f' kazijiet ta' din ix-xorta l-ewwel Qorti jkollha l-opportunita` li tevalwa l-provi prodotti, il-komportament tal-partijiet u x-xhieda taghhom meta ddeponew quddiemha, u ghexet l-*iter* tal-process fil-vari fazijiet tieghu. Ara "**Emanuel Genovese *nomine* -vs- Max Castagna *proprio et nomine***", Appell, 23 ta' April 2001;

Il-Qorti irriezaminat il-provi u fil-kumpless tista' tighid li l-gudizzju ta' l-ewwel Qorti kien sew indirizzat u l-motivazzjoni tas-sentenza hi nieqsa minn vizzji logici. Mill-kontenut indizzjarju tal-provi, rettament valutati, hu l-konvinciment ukoll ta' din il-Qorti illi l-attur gie primarjament inkarigat mill-konvenut Joseph Cauchi biex jissokta xoghol fil-pedament li kien mibdi minn dan izda

imbaghad tkompla xoghol iehor mill-attur konsistenti f' tahmil, uzu ta' makkinarju u garr ta' terrapien (ara xhieda ta' l-appellant a fol. 35). Fir-realta`, anke jekk l-appellant jghid li ma kkommissjona ebda inkarigu espress lill-attur, ir-rapport interkors bejniethom ma setax ma kienx tali illi, almenu, tacitament, hu kien effettivament utilizza l-prestazzjonijiet esegwiti mill-attur. Dan certament ma jistax jigi negat minnu gjaladarba bhala *supervisor* u responsabbli mill-appalt kien jattendi frekwentement fuq il-lant tax-xoghol. F' qaghda bhal din ir-rapport instawrat kellu jkun bil-wisq car anke ghall-appellanti u allura lanqas ma jista' jargumenta illi ma tissussistix l-ipotesi tal-litiskonsorju necessarju fil-konfront tieghu, attiz is-sitwazzjoni guridika unitarja fl-ambitu ta' dan ir-rapport negozjali;

Imbaghad, lanqas ma jista' jkollu sostenn l-argoment illi hu ma setax jitqies responsabbli personalment ghax hu jikkontratta f' isem entita` guridika separata. Il-prova dokumentarja li taghmel l-*invoice* tal-konvenut Joseph Cauchi (fol. 37) ma jfisserx illi l-attur kien hekk konsapevoli tal-fatt li l-appellant kien qed jezegwixxi l-appalt bl-isem ta' xi socjeta`. Kien jaggrava fuqu l-oneru li jipprova illi tali fatt kien gie a konoxxenza ta' l-attur fil-mument li dan kien jezegwixxi x-xoghlijiet tieghu. "Certament ma kienx bizzejjed li l-appellant jafferma dak li kien apparentement maghruf lilu biss u cjoe l-ezistenza tas-socjeta` *qua* gestitrici tan-negozju izda li ma kienx maghruf lil terzi, fosthom lill-appellat". ("**Joseph Grech -vs- Domenico Savio maghruf bhala Savio Spiteri *et***", Appell, 25 ta' Mejju 2001);

Bhala konsegwenza ta' dak kollu li nghad ma jidherx li hemm raguni ghaliex din il-Qorti ghandha b' xi mod tiddiskosta ruhha mill-motivazzjoni u l-konkluzjoni li waslet ghalihom l-ewwel Qorti fuq l-evalwazzjoni taghha tal-provi attendibbli.

Ghal dawn il-motivi l-appell qed jigi michud u s-sentenza appellata, konfermata bl-ispejjez ta’ din l-istanza kontra l-konvenut appellant.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------